MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Numru 129/2003

Il-Pulizija
(Sp Neville Xuereb)
vs
Anthony Cortis, iben Eucharistic,
imwieled Pieta' fis-7 ta' lulju, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-3 ta' frar, 2003 u fil-jiem ta' qabel ġewwa Birkirkara, impjega jew ta xogħol lill-persuni li ma kienux persuni eżenti u li ma kellhomx liċenzja mogħtija lilhom għal dak l-impjieg jew xogħol skond id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, jew mod ieħor għen jew assista persuni li mhumiex persuni eżenti fl-egħmil ta' reat maħsub fl-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. talli bħala l-persuna li kienet responsabbli tax-xogħol li kien qiegħed isir ġewwa Birkirkara, impjega persuni li ma

kienux ċittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u uffiċjali;

3. talli fl-istess ċirkostanzi bħala l-prinċipal, jew il-persuna li mpjegat persuni oħra, whole-time, part-time jew xort'oħra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ b'dan l-impjieg.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-liġijiet ta' Malta u l-A.L. 110 ta' l-1993 u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt lira maltin.

--------------------------------TMIEM--------------------------------